MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 913/2001/1

**Carmel Zammit u Doris Attard Cassar**

**Vs**

**Anthony Lia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jizgombra mill-ghalqa imsejjha tal-Kappillan fil-limiti ta' Haz-Zabbar, liema ghalqa qed tokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ghall-fini tal-kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizzju ta' dan il-fond ma jeccedix is-somma ta' Lm500 fis-sena.

Bl-ispejjes, inkluzi ta' ittri bonarji debitament mibghutin kontra l-istess konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 10 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi hemm karenza ta' interess guridiku fl-atturi in kwantu huma ma humiex is-sidien tal-ghalqa mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Illi l-pretensjoni tal-atturi li huma s-sidien ma hiex bazata fqu titolu originali. Fid-dawl tal-karenza ta' titolu originali abbinat mal-kontestazzjoni dwar il-pretenzjoni tad-dominju, l-atturi iridu qabel xejn jippruvaw l-estremi fit-termini tal-*actio rei vendicatoria* u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma hiex kompetenti *rationae materiae* stante li tali materja hi ta' kompetneza tal-Prim'Awla. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprassjedi sakemm l-*actio rei vendicatoria* talvolta intavolata mill-atturi tkun definittivament deciza.
3. Illi bla pregudizzju ghall-premess din il-Onorabbli Qorti hija inkompetenti rationae materiae in kwantu l-konvenut qed jiddetjeni l-ghalqa de quo b'titolu validu skond il-ligi.
4. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut qed jiddetjeni l-ghalqa de quo b'titolu validu fil-ligi.
5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota spjegativa tal-konvenut Anthony Lia (fol 26 ibid) in rigward it-titolu pretiz mill-istess konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 52 u fol 54 tal-atti kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi (fol 55 ibid), dik tal-konvenut (fol 57 ibid), ir-replika tal-atturi (fol 60 ibid) u dik, ossija kontroreplika, tal-konvenut (fol 61 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza hi limitata ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' natura preliminari sottomessi mill-konvenut, liema konvenut qed jallega:-

a) il-karenza ta' interess guridiku da parti tal-atturi peress li, skond hu, ma humiex il-propjetarji tal-ghalqa in kwistjoni.
b) Il-karenza ta' titolu originali , abbinat mal-kontestazzoni dwar il-pretensjoni tad-dominju u b'hekk il-konvenut jsostni li din il-Qorti hi inkompetenti 'rationae materiae' in vista li l-atturi ghandhom jesercitaw l-'actio rei vendicatoria'.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-istess eccezzjonijiet, ma jistax jsir accenn, fil-qosor, ghall-provi prodotti mill-partijiet.

Illi, da parti tal-atturi huma jsostnu li ghalqa in kwistjoni tappartjeni lilhom bhala unici eredi tal-mejjet Lorenzo Vella (ara t-testement tal-istess 'decuius' esebit in atti a fol 14 u 15 u c-certifikati tat-testmenti relattivi a fol 18 u fol 19).

Illi l-istess ghalqa tinsab inklusa fid-dikjarazzjoni 'causa mortis' maghmula wara l-mewt tal-istess 'decuius' (ara fol 22 paragrafu S ibid).

Illi l-attur pproducew lil Anthony Pace O'Shea (fol 34 et seq ibid) illi spjega illi l-istess Lorenzo Vella kien jiddetjeni l-ghalqa b'titolu ta' cens perpetwu aventi bhala direttarju lil hu x-xhud Patrick Pace O'Shea, illum mejjet. Sussegwentement, dan ic-cens kien gie mifdi skond il-ligi mill-atturi" (ara c-cedola ta' depositu u fidi ta' cens a fol 25 u fol 71 tal-atti kif ukoll l-att publikat minn Nutar Joseph Lia a fol 65 ibid).

Illi l-attrici (fol 38 u fol 39 ibid) semmiet li ma setax jigi rintraccat il-kuntratt ta' Lorenzo Vella, iz-ziju taghha. Inoltre meta tkellmet ma Anthony Pace O'Shea, (ara 'supra') dan kien qalilha "… li ma kellhiex dan il-kuntratt".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut, meta xehed, limitatament ghaz-zewg eccezzjonijiet in esami, kien qal illi Lorenzo Vella kien

nformah "… li s-sid kien siefer u miet" u "Ma qalliex min kien is-sid".

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti, wara li qieset dawn il-provi kif ukoll in-noti u repliki sottomessi mill-partijiet tara illi :-

a) Din il-kawza ma tinvolviex, b'xi mod, xi dritt reali vantat mill-konvenut. Dan jidher car minn nota spjegattiva sottomessa mill-konvenut u li tinsab a fol 22 tal-atti. Effettivament jidher li sa dan l-istadju ta' dawn il-proceduri jidher li din il-kawza, li tittratta kontestazzjoni dwar jekk il-konvenut jiddetjeni l-istess ghalqa b'titolu validu skond il-ligi o meno, tinvolvi dritt personali u sa issa hi kompetenza ta' din il-Qorti.
b) Inoltre l-istess Qorti ma tarax, b'xi mod, illi ghandha tissoprassjedi sakemm tigi decisa, mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, 'actio rei vendicatoria' ipotetika. Difatti ma jingieb ebda fatt li b'xi mod jista' jindika li hemm xi terza persuna li qed tivvanta titolu reali fuq l-istess ghalqa. Dwar dan il-punt, kif di gja inghad, il-konvenut mhux qed jivvanta titolu ta' propjeta jew xi dritt reali iehor fuq l-istess ghalqa u ghalhekk ma tistax tara kif tista' tiffissa xi terminu sabiex dan jadixxi l-Qorti kompetenti permezz tal-'actio rei vendicatioria' kif jsostnu l-atturi (ara fol 56 ibid).
c) In rigward karenza ta' interess giuridiku, din il-Qorti hi tal-fehma li, fuq basi ta' probabbilta, u kif di gja inghad, fin-nuqqas ta' xi fatt li jipprova li l-konvenut jista' jivvanta dritt reali fuq l-istess ghalqa, l-ghalqa in kwistjoni tidher li tappartjeni lill-atturi almenu 'prima facie' u 'in piena proprieta' libera u franka u ghalhekk l-interess taghhom kemm legali kemm fuq basi ta' fatt, jidher li hu presenti u radikat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni sottomessi mill-konvenut u tordna li s-smiegh ta' din il-kawza titkompla sabiex jigi deciz fil-meritu wara li jigu konsiderati l-eccezzjonijiet l-ohra sottomessi mill-konvenut, bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------